

Paġna ewlenija>Reġistri - kummerċjali, dwar l-insolvenza u tal-artijiet>Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [nl](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

I-Olandiż

Swipe to change

Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Olanda

Din it-taqsimha tagħtik deskrizzjoni ġenerali tar-reġistru tal-artijiet Olandiż.

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovduta biss għal finijiet kumentwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżil-Ġermaniżil-Estonjanil-Griegli-Inglišil-FranċiżKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanil-Ungerizil-Pollakkil-Portugiżir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandiżil-Isvediż

X'għandu x'joffri r-reġistru tal-artijiet Olandiż?

Ir-**Reġistru tal-Artijiet Olandiż** huwa l-proprjetà ta' u jinżamm aġġornat mill-**Kadaster** (Katast, l-Aġenzija tar-Reġistru tal-Artijiet u tat-Tfassil tal-Mapep), awtorità pubblika responsabbli mid-drittijiet ta' reġistrazzjoni u mill-interessi li jaffetwaw kwalunkwe proprjetà (inklużi l-art u l-bini) u l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom (eż. id-daqs).

L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet Olandiż huwa mingħajr flus?Le, l-aċċess **huwa bi flus**. Għal iktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit elettroniku tal-**Kadaster**.**Kif tagħmel tiftixa fir-reġistru tal-artijiet Olandiż**Il-**professjonisti** fl-Olanda li għandhom **abbonament mar-Reġistru tal-Artijiet Olandiż** jistgħu jagħmlu tiftix fih billi jużaw il-parametri ta' tiftix li ġejjin:

Isem il-proprjetarju jew il-persuna konnessa mal-proprjetà

Indirizz

Kodiċi postali

Identifikatur katastali

Mappa

Mappa tal-posta

Numru tal-ftehim iffirmit

Isem il-proprjetà.

L-informazzjoni kollha tintwera bi-Olandiż u l-kontijiet jintbagħtu darba fix-xahar.L-utenti **professjonali abbonati** fil-pajjiżi parteċipanti fl-**EULIS** (is-Servizz Ewropew dwar Informazzjoni dwar l-Artijiet) jistgħu jagħmlu tiftix fir-Reġistru tal-Artijiet Olandiż billi jużaw il-parametri li ġejjin:

Indirizz

Kodiċi Postali

Identifikatur katastali

Mappa

Mappa tal-post.

L-informazzjoni kollha tintwera bi-Ingliż; il-kontijiet jintbagħtu permezz tar-reġistru nazzjonali tal-artijiet ikkonċernat.

L-**individwi** jistgħu jfittxu fir-Reġistru tal-Artijiet Olandiż billi jużaw il-parametri li ġejjin:

Indirizz

Kodiċi postali

L-informazzjoni kollha (għalkemm inqas minn dik ipprovduta lill-utenti professjonali) tintwera bi-Olandiż u l-flus jista' jsir b'Mastercard, b'Visa Electron, b'Visa, b'American Express, b'Diners Club, b'iDEAL jew b'ċekk minn fuq l-Internet.

L-istorja tar-reġistru tal-artijiet Olandiż

Tista' ssib informazzjoni dwar il-proprjetà kollha mid-data meta twaqqaf il-Kadaster Olandiż (1832).

Bejn l-1981 u l-1985, il-Kadaster Olandiż qiegħed l-informazzjoni kollha li kellu dak iż-żmien f'sistemi kompjuterizzati. L-informazzjoni mill-1985 'il quddiem hija disponibbli onlajn. L-impjegati tal-Kadaster għandhom aċċess għall-informazzjoni storika (1832-1985) li tinsab fl-arkivji diġitali.

Links relatati**Servizz Ewropew dwar Informazzjoni dwar l-Artijiet, Katast (Aġenzija tar-Reġistru tal-Artijiet u tat-Tfassil tal-Mapep)**

L-aħħar aġġornament: 06/02/2015

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.